

Brussell, 19 ta' April 2024
(OR. en)

8957/24

SOC 284
GENDER 66
ECOFIN 450
JAI 637

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 7623/1/24 REV 1	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa bħala perkors lejn ugwaljanza sostantiva bejn il-ġeneri - <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-"Tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa bħala perkors lejn ugwaljanza sostantiva bejn il-ġeneri."
2. Il-Konklużjonijiet huma bbażati fuq rapport imħejji mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) intitolat "Financial independence and gender equality: joining the dots between income, wealth and power" (L-indipendenza finanzjarja u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri: nikkollegaw l-introjtu, il-ġid u l-poter) li jinsab fid-dokument 9019/24.
3. Il-Konklużjonijiet ġew eżaminati mill-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fid-29 ta' Frar, fit-18 ta' Marzu u fit-12 ta' April 2024.
4. Intlaħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz tat-test kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden

- jieħu nota tar-rapport tal-EIGE, kif jinsab fid-dokument 9019/24; u
 - jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet fl-Anness ta' din in-nota lill-Kunsill EPSCO għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2024.
-

**Tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa
bħala perkors lejn ugwaljanza sostantiva bejn il-ġeneri
- Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill¹**

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI

1. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tal-valuri Ewropej. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea mnaqqax fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
2. L-opportunitajiet indaqs u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-ugwaljanza fit-trattament u l-opportunitajiet fir-rigward tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-progressjoni fil-karriera, il-kisba ta' drittijiet tal-pensjoni, kif ukoll paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali, u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, huma rikonoxxuti fil-Prinċipji 2, 3, 9 u 15 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li ġie pproklammat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fl-2017.
3. Il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, adottata min-Nazzjonijiet Uniti fir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa fl-1995, tidentifika "In-Nisa u l-Ekonomija" (qasam F), inkluż il-promozzjoni tal-indipendenza ekonomika tan-nisa, bħala wieħed mit-tmax-il qasam kritiku ta' tħassib. Hija tiddikjara li fl-indirizzar ta' dan il-qasam ta' tħassib il-gvernijiet u atturi oħra għandhom jippromwovu politika attiva u viżibbli ta' integrazzjoni ta' perspettiva ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki u l-programmi kollha.

¹ Konklużjonijiet imfassla fil-kuntest tar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, b'referenza partikolari għall-Qasam Kritiku ta' Tħassib F (In-Nisa u l-Ekonomija).

4. Il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), li għaliha huma parti l-Istati Membri kollha, tappella għall-adozzjoni ta' miżuri biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-qasam tal-ħajja ekonomika, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt għal self bankarju, ipoteki u forom oħra ta' kreditu finanzjarju.

FILWAQT LI JFAKKAR LI

5. Fl-2019, il-Kunsill appella lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex "ikunu promossi l-indipendenza ekonomika tan-nisa u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv" kif ukoll biex tingħata "attenzjoni speċjali aktar qawwija fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi f'fażijiet differenti tal-proċess tas-Semestru Ewropew, inkluż permezz ta' ħidma fuq indikaturi ta' ugwaljanza bejn is-sessi li diġà jeżistu u, fejn xieraq, bl-iżvilupp ta' oħrajn ġodda, billi jkomplu jiġu żviluppati l-ġbir ta' data diżaggregata skont is-sessi u l-metodi statistiċi u l-analiżi għall-monitoraġġ tal-progress dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi."²
6. Fl-2023, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jirrikonoxxu xogħol ta' kura mħallas u mhux imħallas u jinkoraġġixxu "l-mobilizzazzjoni u l-użu effettiv tar-riżorsi u l-fondi tal-UE biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-Kura u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kura fit-tul u l-ECEC, sabiex isir progress fit-tranżizzjoni tas-sistemi tal-kura lejn mudelli olistiċi, iċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, biex jittejjeb ir-rikonoxximent tal-valur tal-kura u jiġu eradikati l-preġudizzju u l-isterjotipi tal-ġeneru."³

² Id-dokument 14938/19.

³ Id-dokument 16094/1/23 REV 1.

7. Fl-2023, il-Kunsill appella wkoll lill-Kummissjoni Ewropea biex "tiżgura li l-konsiderazzjonijiet tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiġu integrati fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, sabiex jitnaqqsu d-differenzi persistenti bejn il-ġeneri, inkluż b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' finanzjament biex jiġu avvanzati l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiŝiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa f'konformità mal-programmi ta' nfiq tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u billi tiġi implimentata b'mod sħiħ il-metodoloġija tal-Kummissjoni Ewropea għat-traċċar tan-nefqa fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-baġit tal-UE" u biex "tiżgura li tiġi ppreżentata statistika diżaggregata skont il-ġeneru fir-rapporti kollha tal-Kummissjoni."⁴
8. Ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment f'infrastruttura tal-kura robusta "sabiex jiġu żgurati l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiŝiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa, sabiex jinbnew soċjetajiet reżiljenti, jiġu miġġielda l-kundizzjonijiet prekarji f'settur iddominat min-nisa, tingħata spinta lill-ħolqien tal-impjiegi, jiġu prevenuti l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u sabiex ikun hemm effett pożittiv fuq il-Prodott Domestiku Gross (PDG) peress li jippermetti lil għadd akbar ta' nisa jkollhom xogħol imħallas."⁵
9. Skont studju mwettaq mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) dwar il-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni Ewropea, it-titjib tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri – inkluż permezz tat-tiŝiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa – iwassal għal żieda fil-PDG ta' 9.6 % sal-2050 fl-UE.⁶

⁴ Id-dokument 9684/23.

⁵ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17-75.

⁶ *Economic benefits of gender equality in the European Union (Benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE)*, p. 2.

FILWAQT LI JINNOTA LI

10. "Suċċess f'ekonomija bbażata fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi" hija prijorità strateġika tal-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, li tissottolinja li "n-nisa u l-irġiel fid-diversità kollha tagħhom jenħtieġ li jkollhom opportunitajiet indaqs biex jiffjorixxu u jkunu ekonomikament indipendenti, jitħallsu b'mod ugwali għal xogħolhom ta' valur ugwali, ikollhom aċċess ugwali għall-finanzjament u jirċievu pensjonijiet ġusti."⁷
11. Fir-rapport tiegħu intitolat "Financial independence and gender equality: joining the dots between income, wealth and power", l-EIGE jippreżenta evidenza ta' inugwaljanzi bejn il-ġeneri f'termini ta' indipendenza finanzjarja fl-UE b'enfasi partikolari fuq kif il-kunċett ta' indipendenza finanzjarja ġie definit s'issa u janalizza l-konsegwenzi dannużi tad-dipendenza finanzjarja, inkluż il-vjolenza ekonomika⁸.
12. L-EIGE jirreferi għat-tiżiż tal-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja tan-nisa bħala "proċess li permezz tiegħu n-nisa jiksbu s-setgħa u l-kontroll fuq haġġithom stess u jiksbu l-kapaċità li jagħmlu għażliet strateġiċi" (traduzzjoni mhux uffiċjali). Dan jiddefinixxi l-indipendenza finanzjarja bħala kunċett multidimensjonali li jinkludi l-introjtu, il-ġid u l-poter/il-kontroll, sabiex ikopri l-ħafna aspetti tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri b'mod aktar komprensiv.

⁷ Ara d-dokument 6678/20.

⁸ EIGE (2024), *Financial independence and gender equality*, (id-dokument 9019/24, p. ix-xiv u p. 15).

13. Għad hemm differenzi persistenti bejn il-ġeneri, għad-detriment tan-nisa fir-rigward tal-impjiegi, il-pagi, il-qligħ u l-introjtu, inkluż il-pensjonijiet, kif ukoll il-kura, il-ġid, u l-aċċess għall-kreditu⁹. Id-differenzi jirriżultaw mis-segregazzjoni orizzontali u vertikali tal-ġeneri u l-parteċipazzjoni aktar baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol. In-nisa huma rrappreżentati żżejjed fix-xogħol part-time u fis-setturi b'pagi baxxi minħabba ostakli relatati mal-ġeneru u stereotipi marbutin mal-ġeneru.
14. Id-diviżjoni inugwali ta' kura u xogħol domestiku mhux imħallsa bejn in-nisa u l-irġiel tqiegħed lin-nisa fi żvantaġġ peress li xxekkel il-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa fis-suq tax-xogħol u tolqot b'mod negattiv il-qligħ tagħhom u l-indipendenza finanzjarja tagħhom¹⁰. Fl-2022, id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri għadha ta' madwar 12.7 % fl-UE. L-EIGE jistma li d-differenza fil-ġid bejn il-ġeneri għall-adulti waħedhom ta' bejn it-18 u s-60 sena fi tmien Stati Membri hija ta' 32 %, bl-istimi tal-pajjiżi jvarjaw minn 8 % sa 49 %¹¹. Sadanittant, id-differenza fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri, stmata għal 26.1 % fl-2022, iżżid il-vulnerabbiltà tan-nisa fir-rigward tar-rata tar-riskju tal-faqar.
15. Skont l-istudju tal-EIGE, id-differenzi bejn il-ġeneri fir-rigward tal-impjiegi, il-pagi, il-qligħ, l-introjtu u l-ġid huma partikolarment evidenti għal ċerti gruppi ta' nisa, inkluż nisa f'unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed, nisa akbar fl-età, nisa bi sfond ta' migrazzjoni, u nisa bi tfal dipendenti¹². Gruppi vulnerabbli oħra ta' nisa jinkludu n-nisa li sfaw vittmi ta' vjolenza, in-nisa Rom, in-nisa b'diżabbiltà, u n-nisa li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna u minn kunflitti vjolenti f'partijiet oħra tad-dinja.
16. Ir-rapport jikkonkludi li l-indipendenza finanzjarja hija kemm kwistjoni taċ-ċiklu tal-ħajja kif ukoll ċirku vizzjuż: "nuqqas ta' indipendenza finanzjarja jagħmilha aktar diffiċli li jiġu segwiti opportunitajiet li jsaħħu l-indipendenza finanzjarja"¹³ (traduzzjoni mhux uffiċjali).

⁹ EIGE (2024), *Financial independence and gender equality*, (id-dokument 9019/24, p. 78).

¹⁰ EIGE (2023), *A Better Work-Life Balance: Bridging the gender care gap* (Bilanċ Aħjar bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata: Intemmu d-differenza bejn il-ġeneri fil-qasam tal-kura).

¹¹ EIGE (2024), *Financial independence and gender equality*, (id-dokument 9019/24, p. 35).

¹² EIGE (2024), *Financial independence and gender equality*, (id-dokument 9019/24, p. 79).

¹³ Ibid, p.63-64.

17. Skont ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024, it-tfassil tat-tassazzjoni jista' jippromwovi ugwaljanza akbar bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, inkluż billi titneħħa t-tassazzjoni konġunta, billi 78 % tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul fl-UE huma nisa. Ir-rapport jenfasizza li s-sistemi ta' tassazzjoni progressiva konġunta jista' jkollhom impatt negattiv fuq id-dħul tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul fl-impjieg u s-siġhat maħduma billi joħolqu piż tat-taxxa marġinali għoli¹⁴. Għalhekk, kif ikkonfermat mill-EIGE, it-tassazzjoni għandha impatt importanti fuq l-indipendenza finanzjarja tan-nisa¹⁵.
18. In-nuqqas ta' indipendenza finanzjarja jżid ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għan-nisa u s-suppożizzjoni ta' distribuzzjoni ugwali tar-riżorsi fl-unità domestika tista' taħbi l-firxa vera tad-differenzi bejn il-ġeneri fil-faqar u l-privazzjoni.
19. L-istatistika dwar l-introjtu attwalment disponibbli ma tippermettix analiżi sħiħa tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri peress li ma tipprovdi data għal kull membru tal-unità domestika jew ma tirriflettix id-differenzi bejn in-nisa u l-irġiel¹⁶. Hemm ukoll nuqqas ta' data diżaggregata dwar il-ġid u l-iffrankar. B'riżultat ta' dan, is-sehem tal-introjtu tan-nisa f'unità domestika għandu t-tendenza li jiġi sopravvalutat u r-riskju ta' faqar u privazzjoni materjali tan-nisa jiġi sottovalutat.

¹⁴ Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024, p. 57.

¹⁵ EIGE (2024), *Financial independence and gender equality*, (id-dokument 9019/24, p. xii-xiii u p. 54-56).

¹⁶ Eurostat. *EU statistics on income and living conditions (EU-SILC) methodology – monetary poverty of elderly people (L-istatistika tal-UE dwar il-metodoloġija tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (EU-SILC) – il-faqar monetarju tal-anzjani)*.

20. Fl-aħħar nett, skont l-istudju tal-EIGE, id-dipendenza finanzjarja hija assoċjata ma' firxa ta' eżiti negattivi, inkluż inqas saħħa fiżika u mentali u inqas opportunitajiet biex wieħed jinvolvi ruħu fl-edukazzjoni, fl-impjiegi bi ħlas u f'attivitajiet intraprenditorjali. Barra minn hekk, id-dipendenza finanzjarja tan-nisa fuq is-sħab tagħhom tista' timpedixxi lin-nisa milli jitolqu minn relazzjonijiet vjolenti jew itemmuhom, u b'hekk jiżdied ir-riskju li jesperjenzaw vjolenza minn sieħeb intimu. L-istħarriġ tal-Eurostat tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa u forom oħra ta' vjolenza interpersonalni (EU-GBV) juri l-prevalenza tal-vjolenza ekonomika, b'4 % sa 18 % tan-nisa jirrapportaw li s-sieħeb tagħhom iżommhom milli jaħdmu jew jikkontrolla l-finanzi tal-familja u jikkontrolla l-ispejjeż tagħhom b'mod eċċessiv.
21. Dan is-sett ta' konklużjonijiet jibni fuq il-ħidma preċedenti u l-impenji politiċi espressi mill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI, skont il-kompetenzi tagħhom, biex:

22. Jintegraw b'mod sistematiku perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-qasam tal-politiki u l-leġiżlazzjoni ekonomiċi u finanzjarji, b'mod partikolari billi:

- a) ikomplu jtejbu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li jixtiequ jidħlu, jergġhu jidħlu jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol, pereżempju permezz tat-tfassil ta' sistemi ta' taxa u benefiċċji, b'mod partikolari billi jintroduċu inċentivi u jneħħu d-diżinċentivi, speċjalment għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul. Dan jista' jinkludi azzjoni, fost l-oħrajn, dwar it-tassazzjoni kongunta¹⁷, kif imsemmi fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024;
- b) jiżguraw appoġġ sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru għan-nisa sabiex jiġi ffaċilitat id-dħul jew id-dħul mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol billi, pereżempju, joffru programmi ta' taħriġ biex in-nisa jingħataw is-setgħa u biex il-ħiliet tagħhom fis-suq tax-xogħol jissaħħu;
- c) jippromwovu aktar riċerka u jtejbu d-disponibbiltà ta' data diżaggregata skont il-ġeneru fil-qasam tal-politiki fiskali u janalizzaw il-possibbiltajiet ta' valutazzjoni u kontabbiltà għall-inugwaljanzi fid-djar. Fejn fattibbli u rilevanti, id-data għandha tiġi diżaggregata wkoll skont l-età, id-diżabbiltà, il-kompożizzjoni tal-unità domestika jew l-orijini;
- d) jindirizzaw id-differenza bejn il-ġeneri fil-kura billi jippromwovu l-kondiviżjoni ugwali tax-xogħol ta' kura mhux imħallas u r-responsabbiltajiet domestiċi bejn in-nisa u l-irġiel, b'mod partikolari billi jiżguraw infrastruttura u servizzi tal-ECEC u tal-kura fit-tul aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja, f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-kura fit-tul;
- e) jiskambjaw prattiki tajbin fir-rigward ta' analiżi sensittiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru fil-qasam tal-oqfsa legali u l-arranġamenti tal-proprjetà fiż-żwigiġiet u r-reġimi ta' koabitazzjoni u x-xoljiment tagħhom, filwaqt li jitqies b'mod partikolari l-impatt tagħhom fuq l-indipendenza finanzjarja tan-nisa u l-irġiel u r-riskju ta' vjolenza ekonomika;

¹⁷ Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024, p. 12 u p. 57-58.

- f) jistinkaw biex jiżguraw li s-sistemi tal-pensjonijiet jintegraw perspettiva ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u jkollhom kopertura u livelli ta' benefiċċji suffiċjenti u adegwati biex ikunu ġusti u jgħinu jipprevjenu l-faqar fix-xjuħija u l-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari billi jagħtu attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni ta' persuni li jkunu hađu waqfiet fil-karriera biex jieħdu ħsieb persuni dipendenti jew li kienu fuq liv mediku. Huwa importanti li sistemi bħal dawn iqisu l-evoluzzjonijiet tas-soċjetà kontemporanja u l-forom ta' koabitazzjoni li qed jinbidlu tagħha, bil-ħsieb li tinkiseb ugwaljanza akbar bejn il-ġeneri, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet;
 - g) jippromwovu u jiżviluppaw il-ġbir u l-analiżi ta' data diżaggregata skont il-ġeneru dwar l-introjt individwalizzat u t-trasferimenti bejn l-unitajiet domestiċi u fi ħdanhom;
 - h) iħeġġu, jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji biex jittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċiżjonijiet fis-setturi kollha, inkluż b'mod partikolari strateġiji biex jiżdied l-għadd ta' nisa fil-proċessi ta' politika ekonomika u finanzjarja u tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-istadji kollha u fil-livelli kollha.
23. Jipprovdu opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ biex il-bniet u s-subien, in-nisa u l-irġiel kollha, fis-sitwazzjonijiet u fil-kundizzjonijiet diversi rispettivi tagħhom, ikunu jistgħu jiksbu jew itejbu l-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom, inkluż il-litteriżmu finanzjarju, sabiex jagħtu spinta lill-prospetti futuri tagħhom fl-iżgurar u ż-żamma tal-indipendenza finanzjarja.

24. Jippromwovu opportunitajiet ta' taġġim u ta' taħriġ tul il-ħajja sensitivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru mfassla biex itejbu l-għarfien u l-ħiliet finanzjarji u diġitali bħan-numeriżmu u l-litteriżmu, għan-nisa ta' kull età, inkluż permezz ta' apprendistati, taħriġ online jew rotot oħra li jqisu, inkluż minn perspettiva intersezzjonali, id-diversi żvantaġġi li huma jistgħu jiffaċċaw (eż. esklużjoni mis-suq tax-xogħol, nuqqas ta' aċċess għas-servizzi finanzjarji jew familjarità magħhom, nuqqas ta' poter u kontroll u d-distakk diġitali bejn il-ġeneri).
25. Jappoġġaw miżuri għall-promozzjoni tal-intraprenditorija, is-sjieda tan-negozju u l-aċċess għar-riżorsi finanzjarji min-nisa, inkluż permezz ta' programmi ddedikati ta' taġġim bejn il-pari.
26. Jippromwovu kooperazzjoni koordinata bejn l-istituzzjonijiet u l-atturi fis-suq tax-xogħol, kif ukoll fl-oqsma soċjali, finanzjarji u tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, inkluż kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku, sabiex jinbena fehim aktar komprensiv minn perspettiva tal-ġeneru tal-fatturi rilevanti għall-indipendenza u l-imġiba finanzjarji (jiġifieri l-akkumulazzjoni tad-drittijiet tal-pensjoni; ir-riskji ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru inkluż vjolenza ekonomika; l-istrateġiji tad-diversifikazzjoni finanzjarja u r-riskji assoċjati, eċċ.).
27. Jippromwovu l-involviment tas-settur privat fl-avvanz tal-opportunitajiet indaqs u t-tiħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa, inkluż permezz tal-ħolqien ta' ambjenti tax-xogħol li jagħtu prijorità lill-ugwaljanza u l-inklużjoni bejn il-ġeneri kif ukoll permezz ta' miżuri oħra biex titrawwem l-indipendenza finanzjarja tan-nisa.
28. Jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru previsti fid-direttiva imminenti dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika,¹⁸ jinkludu miżuri mmirati biex tiġi indirizzata l-vjolenza ekonomika u jiġu appoġġati n-nisa fir-riintegrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom.

¹⁸ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, (COM(2022)105).

29. Jiżguraw tmexxija koordinata tal-politika nazzjonali għall-prevenzjoni tal-vjolenza ekonomika u l-kontroll koerċittiv fil-forom kollha tagħha, inkluż pereżempju miżuri biex tiġi indirizzata l-problema ta' self u djun ikkuntrattati f'isem l-unità domestika minn wieħed mis-sħab mingħajr il-kunsens tas-sieħeb l-ieħor.
30. Jippromwovu d-disponibbiltà ta' servizzi ta' konsulenza finanzjarja u dwar l-impjiegi li jkunu ta' kwalità u aċċessibbli għall-vittmi tal-vjolenza domestika, speċjalment għal dawk li esperjenzaw vjolenza jew abbuż ekonomiku.
31. Iqajmu kuxjenza, speċjalment fost iż-żgħażaġh, dwar approċċi sani, mhux vjolenti u ekwi ta' kif jiġu ttrattati kwistjonijiet finanzjarji fil-kuntest ta' relazzjonijiet intimi.
32. Jiżguraw riċerka sensittiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru u jaħdmu għall-ġbir, l-analiżi u l-komunikazzjoni ta' data amministrattiva u tal-istħarriġ diżaggregata skont is-sess dwar il-vjolenza ekonomika u r-rabtiet tagħha mad-dipendenza u l-indipendenza finanzjarji, b'kont meħud tal-istandards minimi dwar il-ġbir tad-data b'rabta mal-vjolenza kontra n-nisa kif stipulat fid-Direttiva imminenti dwar il-Vjolenza Kontra n-Nisa.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, biex:

33. Isaħħu l-miżuri biex jiżguraw il-kisba tal-oġġettivi tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, billi:
- a) jistinkaw biex inaqqsu d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, inkluż permezz tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni f'waqthom u effettivi tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi;
 - b) japplikaw l-approċċ duwalistiku għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri billi jsegwu politiki u miżuri speċifiċi dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri filwaqt li jintegraw b'mod sistematiku perspettiva tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki, il-programmi u l-baġits soċjali, finanzjarji u ekonomiċi, sabiex jiġu identifikati u jitnaqqsu b'mod effettiv id-differenzi bejn il-ġeneri f'dawn l-oqsma;
 - c) jiżviluppaw u jiddistribwixxu pariri jew gwida dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa u jiżviluppaw kampanji rilevanti ta' sensibilizzazzjoni, li jinvolvu entitajiet kompetenti bħal korpi tal-ugwaljanza jew esperti f'dan ir-rigward;
 - d) ikomplu jtejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata permezz tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettivi tad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata, l-Istrateġija Ewropea dwar il-Kura, u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-kura fit-tul, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol;
 - e) jikkunsidraw miżuri ulterjuri biex tittieħed azzjoni kontra l-vjolenza ekonomika bl-għan usa' li jiġu eliminati b'mod effettiv il-forom kollha ta' vjolenza u diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, b'mod partikolari d-diskriminazzjoni multipla, inkluż id-diskriminazzjoni intersezzjonali.
34. Jippromwovu miżuri biex jappoġġaw lill-vittmi tal-vjolenza domestika, inkluż miżuri biex jgħinuhom iżommu jew jiksbu indipendenza finanzjarja, bħal miżuri li jgħinuhom iżommu l-impjeg jew miżuri li jipprevedu liv imħallas mix-xogħol.

35. Jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' data armonizzata u li tinġabar regolarment dwar il-ġid individwali, diżaggregata skont is-sess u karatteristiċi soċjali kumulattivi oħra, flimkien mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC) u l-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO), u jqisu l-possibbiltà li din id-data tiġi inkluża fl-EU-SILC fil-futur.
36. Jintegraw fl-istħarriġ rilevanti tal-UE mistoqsijiet dwar l-introjtu u n-nefqa fil-livell individwali, dwar l-akkomunament tal-introjtu u dwar il-kondiviżjoni tal-introjtu, diżaggregata skont il-ġeneru u skont it-tip ta' introjtu, u jekk rilevanti varjabbli rilevanti oħra.
37. Iqisu u jxerrdu r-riżultati tal-istudju Ewropew li jmiss ibbażat fuq l-istħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u forom oħra ta' vjolenza interpersonali, ikkoordinat mill-Eurostat u appoġġat mill-EIGE u l-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA).
38. Jiffaċilitaw it-tagħlim reċiproku u jippromwovu prattiki tajbin fost l-atturi involuti fil-promozzjoni tat-tiżiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa u fl-indirizzar tal-problema ta' vjolenza ekonomika.
39. Ikomplu jiġġieldu l-istereotipi marbutin mal-ġeneru, is-sessiżmu, ir-rwoli tal-ġeneri u n-normi b'rabta mal-ġeneri, inkluż dawk li għandhom it-tendenza li jagħtu lill-irġiel rwol predominanti fit-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji; u jappoġġaw programmi mmirati mfassla biex jinvolvu l-irġiel u s-subien fil-ġlieda kontra l-istereotipi marbutin mal-ġeneri u d-diskriminazzjoni. Jippromwovu distribuzzjoni ugwali u ħielsa mill-istereotipi ta' kura u xogħol domestiku mingħajr ħlas bejn in-nisa u l-irġiel. Iħeġġu lill-bniet, lis-subien, lin-nisa u lill-irġiel jagħżlu oqsma edukattivi u okkupazzjonijiet skont il-kapaċitajiet u l-ħiliet tagħhom, u mhux abbażi tal-istereotipi marbutin mal-ġeneru, sabiex jiżdied is-sehem tal-irġiel f'okkupazzjonijiet bħall-kura u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal fejn in-nisa bħalissa huma rrappreżentati żżejjed u biex tiżdied il-parteciġipazzjoni tan-nisa fl-oqsma STEM¹⁹.

¹⁹ Xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

40. Tappoġġa riċerka dwar il-kwistjoni tal-indipendenza finanzjarja tan-nisa bħala kunċett multidimensjonali li jinkludi l-introjtu, il-ġid u l-poter/il-kontroll, sabiex il-ħafna aspetti tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri jiġu koperti b'mod aktar komprensiv.
41. Taħdem lejn l-iżvilupp ta' indikaturi standard għall-monitoraġġ tal-indipendenza finanzjarja, f'kollaborazzjoni mal-EIGE u b'kontribut mill-Eurostat bil-ħsieb ta' diskussjoni fil-KPS u l-EMCO. Tintegra l-indikaturi rilevanti tal-vjolenza ekonomika fi sħarriġ futur possibbli madwar l-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika.
42. Tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji effettivi biex jittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qasam ekonomiku u finanzjarju, b'mod partikolari billi timmonitorja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretti tad-Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpaniji elenkati u miżuri relatati.
43. Tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fir-rigward tal-modi li bihom is-sistemi nazzjonali tal-benefiċċji tat-taxxa jistgħu jaġixxu bħala inċentivi finanzjarji jew diżinċentivi għall-impjieġ tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul,²⁰ inkluż permezz ta' inizjattivi li jkollhom l-għan li jnaqqsu l-piż finanzjarju inugwali tat-tassazzjoni fuq il-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul, bħal, pereżempju, il-promozzjoni tal-individwalizzazzjoni tal-iskemi tat-taxxa fuq l-introjtu.
44. Issaħħaħ l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki ekonomiċi tal-UE, inkluż fis-Semestru Ewropew.
45. Tippromwovi aktar riċerka u tiġbor data diżaggregata skont il-ġeneru dwar l-ekonomija tal-kura, dwar il-ħtiġijiet tal-kura u dwar l-impjieġi tal-kura, kif ukoll dwar l-istatus tal-persuni li jindukraw b'mod formali u informali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għall-Kura.

²⁰ Rapport Konġunt dwar l-Impjieġi 2024, p. 57-58

Ara pereżempju:

Rastrigina, O., Verashchagina, A., *Secondary earners and fiscal policies in Europe* (Il-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul u l-politiki fiskali fl-Ewropa), studju kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2015, URL: <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/a48ea2ce-7eef-4106-afe2-692a9de13d5e>; u Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, *The Macro-Economic Benefits of Gender Equality* (Il-Benefiċċji Makroekonomiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri), Economic Brief 071, Marzu 2022, URL: https://economy-finance.ec.europa.eu/document/download/e1e9946c-6b83-4df5-ae38-8baadeb22bee_en?filename=eb071_en.pdf.

46. Tkompli timmonitorja l-progress fir-rigward tal-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-miżuri għat-tnaqqis tad-differenzi fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri filwaqt li tibni fuq il-proċessi eżistenti, b'mod partikolari r-Rapport triennali dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet (PAR), u tkompli l-kondiviżjoni ta' Prattiki tajbin f'dan il-qasam.
47. Tappoġġa l-finanzjament għal programmi ta' edukazzjoni u taħriġ sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru biex jittejbu l-għarfien u l-ħiliet finanzjarji, inkluż in-numeriżmu u l-litteriżmu finanzjarju u diġitali, b'enfasi fuq in-nisa u l-bniet.
48. Tintroduċi kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet il-ġodda għall-ħaddiema fid-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi u d-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jafu u jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.
49. Timmonitorja l-progress u s-sensibilizzazzjoni, u tikkondividi Prattiki tajbin fir-rigward tal-politiki biex jiġu indirizzati d-differenzi bejn il-ġeneri, b'mod partikolari fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat, u l-Istrateġija Ewropea għall-Kura, inkluż ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-kura fit-tul, kif ukoll id-Direttivi dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata, il-Paga Minima u t-Trasparenza fil-Pagi.
50. Tkompli taħdem fl-oqsma identifikati fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 u tiżgura li l-impenn strateġiku fit-tul għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri ser ikun sostnut u msaħħaħ aktar lil hinn mill-2025, abbażi ta' segwitu istituzzjonali b'saħħtu li jinkludi strateġija ġdida li tistabbilixxi l-prijoritajiet fil-livell tal-UE u sservi bħala boxxla għal azzjoni fil-livell nazzjonali.

Referenzi

1. UE interistituzzjonali

Kummissjoni Ewropea, Segretarjat Ġenerali, *Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2017, <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/e57715d3-f4ee-11e7-be11-01aa75ed71a1>

Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024 (6073/24)

2. Leġiżlazzjoni tal-UE

Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79–93)

Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17-75)

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2022/2381 tat-23 ta' Novembru 2022 dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpaniji elenkati u miżuri relatati (ĠU L 315, 7.12.2022, p. 44-59)

Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21–44)

3. Il-Kunsill

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2019 dwar it-Tnaqqis tad-Differenza bejn il-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa: Politiki u Miżuri Ewlenin (id-dokument 10349/19)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar L-Ekonomija tal-Benesseri (id-dokument 13432/19)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2019 dwar Ekonomiji li Jiffavorixxu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem (id-dokument 14938/19)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2020 dwar l-Indirizzar tad-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pagi: Valutazzjoni u Distribuzzjoni tax-Xogħol Imħallas u x-Xogħol ta' Kura Mingħajr Ħlas (id-dokument 13584/20)

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja (ĠU C 476, 15.12.2022, p. 1)

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: Il-miri ta' Barċellona għall-2030 (ĠU C 484, 20.12.2022, p. 1)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2023 dwar l-Integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki, il-programmi u l-baġits (id-dokument 9684/23)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2023 dwar it-tranżizzjoni ta' sistemi tal-kura tul il-ħajja lejn mudelli ta' appoġġ olistiċi ċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, b'perspettiva tal-ġeneru (id-dokument 16094/1/23 REV1)

4. Il-Kummissjoni Ewropea

Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025. 6678/20.
(Referenza tal-Kummissjoni: COM(2020) 152 final)

Strateġija Ewropea għall-Kura għall-indoktrari u għal dawk li jirċievu l-kura 2022.
(Referenza tal-Kummissjoni: COM(2022) 440 final)

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2012 dwar l-Eurostat (2012/504/UE)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (COM(2022)105)

EU statistics on income and living conditions (EU-SILC) methodology – monetary poverty of elderly people (L-istatistika tal-UE dwar il-metodoloġija tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (EU-SILC) – il-faqar monetarju tal-anzjani), Eurostat, 2022.

Gender Pension Gap by age group (Differenza fil-Pensjonijiet bejn il-Ġeneri skont il-grupp ta' età), Eurostat, 2022.

Gender pay gap statistics (Statistika dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri), Eurostat, 2023.

5. L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

Gender Impact Assessment: Gender Mainstreaming Toolkit (Valutazzjoni tal-Impatt fir-rigward tal-Ġeneri: Sett ta' Għodod għall-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri), 2016.

Economic benefits of gender equality in the European Union (Benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni Ewropea), 2023.

A Better Work-Life Balance: Bridging the gender care gap (Bilanċ Aħjar bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata: Intemmu d-differenza bejn il-ġeneri fil-qasam tal-kura), 2023.

Financial independence and gender equality: joining the dots between income, wealth and power (L-indipendenza finanzjarja u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri: nikkollegaw l-introjtu, il-ġid u l-poter) (9019/24)

6. In-Nazzjonijiet Uniti

Id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (aġenda tan-NU għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiŝiħ tal-pożizzjoni tan-nisa)

Il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW)
